

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

14 ta' Mejju 2009*

Fil-Kawża C-34/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunale ordinario di Padova (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Jannar 2008, fil-proċedura

Azienda Agricola Disarò Antonio *et*

vs

Cooperativa Milka 2000 Soc. coop. arl,

fil-preżenza ta':

Azienda Agricola De Agostini Lorenzo,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, M. Ilešič (Relatur), A. Borg Barthet, E. Levits u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Jannar 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Azienda Agricola Disarò Antonio *et*, minn P. Chiarelli u A. Cimino, avvocati,

- għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn H. Tserepa-Lacombe u D. Nardi, bħala aġenti,

- għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn M. Moore, A. Vitro u G. Castellan, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jstabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 391), fid-dawl tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni elenkati fl-Artikolu 33(1) KE kif ukoll fid-dawl tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpanniji Azienda Agricola Disarò Antonio *et* u Cooperativa Milka 2000 Soc. coop. arl (iktar 'il quddiem "Cooperativa Milka"), dwar il-kontestazzjoni ta' dejn dwar it-taxxa dovuta mill-imsemmija kumpanniji għas-snin tal-ħalib 1995/1996 sa 2003/2004 u dawk segwenti.

Il-kuntest ġuridiku

- 3 Minħabba li baqa' jkun hemm żbilanċ bejn il-provvista u d-domanda fil-qasam tal-ħalib, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 856/84, tal-31 ta' Marzu 1984, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 804/68 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-qasam tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib (ĠU L 90, p. 10), stabbilixxa skema ta' taxxa fl-imsemmi qasam li hija dovuta fir-rigward ta' kwantitajiet tal-ħalib li jaqbżu kwantità ta' referenza li għandha tiġi determinata.

- 4 Din l-iskema bdiet fit-2 ta' April 1984. Hija ġiet estiża diversi drabi u, għall-aħħar darba, permezz tar-Regolament Nru 1788/2003, sal-31 ta' Marzu 2015.

- 5 Skont il-premessa 3 tal-imsemmi regolament, l-għan ewlieni tal-iskema ta' taxxa huwa, essenzjalment, li jitnaqqas l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda għall-ħalib u għall-prodotti mill-ħalib kif ukoll li jitnaqqsu l-eċċessi strutturali li jirriżultaw minn dan l-iżbilanċ.

- 6 Il-premessa 5 tar-Regolament Nru 1788/2003 tistabbilixxi, b'mod partikolari, li l-produtturi huma responsabbli għall-ħlas lill-Istat tal-kontribuzzjoni tagħhom għat-taxxa dovuta minħabba s-sempliċi fatt li jkun qabżu l-kwantità disponibbli tagħhom.

- 7 Skont il-premessa 22 ta' dan ir-regolament, l-għan ewlieni tal-imsemmija taxxa huwa li jiġi rregolarizzat u stabbilizzat is-suq tal-prodotti mill-ħalib, b'tali mod li d-dħul minn din it-taxxa jintuża sabiex tkun iffinanzjata n-nefqa fil-qasam tal-ħalib.

- 8 Skont l-Artikolu 1(1) tal-imsemmi regolament, il-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali annwali huma stabbiliti għal kull Stat Membru fl-Anness 1 tiegħu. Skont l-Artikolu 1 (3), l-imsemmija kwantitajiet jistgħu jkun riveduti fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali fis-suq u tal-kundizzjonijiet partikolari li jkun hemm f'uħud mill-Istati Membri.

- 9 B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 1(2) u 6 tar-Regolament Nru 1788/2003, il-produtturi tal-ħalib għandhom jingħataw kwantitajiet ta' referenza individwali li t-total tagħhom ma jaqbiżx il-kwantità ta' referenza nazzjonali. Jekk il-kwantità ta' referenza nazzjonali tinqabeż, l-Istat Membru kkonċernat għandu, skont l-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament, iħallas lill-Komunità Ewropea taxxa li l-ammont tagħha jiddependi mid-daqs ta' dan l-eċċess.

- 10 Skont l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, l-imsemmija taxxa għandha tkun diviża kollha kemm hi bejn il-produtturi li jkunu wasslu sabiex jinqabżu l-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali u, skont l-Artikolu 4(2), din it-taxxa hija dovuta mill-produtturi minħabba s-sempliċi fatt li jkunu qabżu l-kwantitajiet ta' referenza disponibbli tagħhom.
- 11 L-Artikolu 6(5) ta' dan ir-regolament essenzjalment jipprovdi li l-kwantitajiet ta' referenza individwali għandhom jinbidlu, meta jkun xieraq, għal kull wieħed mill-perijodi ta' tnax-il xahar ikkonċernati.
- 12 L-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1788/2003 essenzjalment jipprovdi li x-xerrejja għandhom ikunu responsabbli sabiex jiġbru, mingħand il-produtturi, il-kontribuzzjonijiet dovuti mingħand dawn tal-aħħar minħabba t-taxxa u għandhom iħallsu lill-entità kompetenti tal-Istat Membru l-ammont ta' dawn il-kontribuzzjonijiet li huma jkunu naqqsu mill-prezz tal-ħalib imħallas lill-produtturi responsabbli għall-kwantitajiet żejda jew, fin-nuqqas ta' dan, li jkunu ġabru b'mezzi oħra xierqa.
- 13 Skont l-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, it-taxxa għandha titqies bħala intervent intiż sabiex jiġu rregolarizzati s-swieq agrikoli filwaqt li d-dħul minn din it-taxxa għandu jiffinanzja n-nefqa fil-qasam tal-ħalib.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 14 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, impriżi li jipproduċu l-ħalib, huma membri ta' Cooperativa Milka, kumpannija kooperattiva responsabbli, fil-kwalità tagħha ta' "l-ewwel xerrejja", għall-ġbir tat-taxxa skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1788/2003.

- 15 Somom kbar ħafna jintalbu mingħand l-imsemmija impriżi bħala ħlas ta' din it-taxxa.
- 16 Quddiem il-qrati nazzjonali, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw dawn l-ammonti u daħħlu inkwistjoni l-validità tar-Regolament Nru 1788/2003 u tal-kriterju ta' tqassim, stabbilit minn dan ir-regolament, fejn il-kwantità globali ggarantita għall-Komunità kollha tinqasam bejn l-Istati Membri u, b'mod iktar partikolari, tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju fir-rigward tar-Repubblika Taljana.
- 17 F'dan ir-rigward, huma jinvokaw, b'mod partikolari, il-ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.
- 18 Rigward il-ksur invokat tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, huma jsostnu li, sabiex tiġi ddeterminata b'mod definittiv il-kwantità globali ggarantita għar-Repubblika Taljana, il-Komunità ħadet inkunsiderazzjoni biss l-informazzjoni mogħtija mill-Istituto nazionale di statistica (Istitut Nazzjonali tal-Istatistika), għall-produzzjoni tal-ħalib ta' sena ta' referenza waħda, jiġifieri s-sena 1983, informazzjoni li kienet serviet ta' bażi għall-kalkolu tal-imsemmija kwantità għas-sena ta' wara, bil-konsegwenza li l-produtturi Taljani ġew ikklassifikati b'mod żbaljat bħala li kellhom "produzzjoni żejda".
- 19 Ir-Regolament Nru 1788/2003 jittratta lill-Istati Membri b'defiċit ta' produzzjoni u dawk bi produzzjoni żejda b'mod identiku, u dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li ma jistax jiġi ġġustifikat fid-dritt Komunitarju. Stat Membru ikollu defiċit ta' produzzjoni meta, minħabba d-daqs tad-domanda interna, ikollu jimporta l-ħalib minn Stati Membri oħra.
- 20 F'dak li jikkonċerna l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jallegaw li dan in-nuqqas ta' aġġornament tal-volumi prodotti jippenalizza lill-produtturi ż-żgħar peress li jimpedixxi l-iżvilupp u l-adattament

strutturali tagħhom u, f'ċerti każijiet, jikkomprometti saħansitra l-eżistenza tagħhom, u dan minħabba r-remunerazzjoni insuffiċjenti għall-fatturi ta' produzzjoni.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale ordinario di Padova ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

“1) Ir-Regolament [Nru 1788/2003, meta jistabbilixxi] taxxa supplimentari fuq il-produzzjoni tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib li jeċċedu l-kwota nazzjonali attribwita, mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-aġġornament perijodiku tal-kwantità attribwita lil kull pajjiż Komunitarju wara kontroll konkret tal-produzzjoni rispettiva tagħhom, huwa kompatibbli mal-Artikolu 32 tat-Trattat u mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni stipulati f'dan it-Trattat, bħalma huma t-tkabbir tal-produzzjoni agrikola u l-iżvilupp tal-progress tekniku billi jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, speċjalment tal-ħaddiema, peress li dan il-mekkaniżmu japplika wkoll għall-produtturi Taljani tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib u b'hekk iċaħħadhom kemm minn livell ta' għajxien ġust kif ukoll mill-iżvilupp minħabba nuqqas ta' remunerazzjoni xierqa tal-fatturi ta' produzzjoni u anki għaliex fir-realtà l-Italja hija pajjiż b'defiċit ta' produzzjoni tal-ħalib [...] u jkollha timporta l-materja prima sabiex issostni l-industrija tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' kwalità [...]?

2) Ir-Regolament Nru 1788/2003, iċċitat iktar 'il fuq, huwa kompatibbli mal-Artikolu 33 tat-Trattat KE, li jipprovdi għall-organizzazzjoni komuni tas-suq filwaqt li fl-istess ħin jeskludi kull diskriminazzjoni bejn produtturi jew konsumaturi tal-Komunità, meta, għall-kuntrarju, l-applikazzjoni uniformi tat-taxxa [...] mingħajr distinzjoni effettiva bejn produtturi b'defiċit ta' produzzjoni u dawk bi produzzjoni żejda, twassal għal diskriminazzjoni kontra l-produtturi Taljani li jappartjenu għal pajjiż b'defiċit ta' produzzjoni tal-ħalib?

3) Ir-Regolament Nru 1788/2003, iċċitat iktar 'il fuq, huwa kompatibbli mal-Artikolu 34 tat-Trattat KE, li jipprovdi li l-kisba tal-għanijiet previsti fl-Artikolu 33,

‘għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi jew konsumaturi tal-Komunità’, filwaqt li tali diskriminazzjoni hija maħluqa bir-Regolament li, għall-finijiet tat-taxxa supplimentari, jitlob kontribuzzjoni uniformi kemm mill-produtturi ta’ pajjiżi bi produzzjoni żejda kif ukoll minn dawk ta’ pajjiżi b’defiċit ta’ produzzjoni, bħall-Italja?

- 4) Ir-Regolament Nru 1788/2003 [...] huwa kompatibbli mal-prinċipju ta’ proporzjonalità rikonoxxut mill-Artikolu 5 tat-Trattat KE, li jillimita l-azzjoni tal-Komunità għal ‘dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet ta’ dan it-Trattat’, filwaqt li l-applikazzjoni uniformi tat-taxxa [...] tmur lil hinn mill-għan stess tal-organizzazzjoni komuni tas-suq għaliex tipperpetwa fil-konfront tal-medja tal-bdiewa Taljani produzzjoni baxxa, dħul baxx u l-ħtieġa permanenti ta’ għajjnuna pubblika?”

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 22 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-fatt li r-Regolament Nru 1788/2003 ma jiħux inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-kwantità ta’ referenza nazzjonali, li l-Istat Membru kkonċernat kellu defiċit ta’ produzzjoni jistax jaffettwa l-konformità ta’ dan ir-regolament mal-għanijiet previsti b’mod partikolari fl-Artikolu 33(1)(a) u (b) KE.

L-argumenti tal-partijiet

- 23 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li l-kwantità ta' referenza nazzjonali li ġiet iggarantita lir-Repubblika Taljana fl-1983 kienet ibbażata fuq informazzjoni statistika żbaljata peress li din l-informazzjoni ma kinitx tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li dan l-Istat Membru kellu defiċit ta' produzzjoni. Għalhekk, anki wara diversi żidiet ta' din il-kwantità minn wara l-imsemmija sena skont il-mekkaniżmu previst fir-Regolament Nru 1788/2003, il-kwantità ta' referenza nazzjonali li ġiet attribwita lir-Repubblika Taljana tikkorrispondi biss għal nofs il-ħtiġijiet ta' dan l-Istat. Għalhekk, peress li l-produtturi tal-ħalib Taljani setgħu jiksbu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 33 KE biss billi jaqbu l-kwantità nazzjonali, ir-Regolament Nru 1788/2003 jikser l-għanijiet previsti fl-Artikolu 33 KE.
- 24 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jsostni li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali qegħdin jitolbu skema li fil-kuntest tagħha l-iffissar tal-kwoti jkun ibbażat fuq jekk l-Istat Membru kkonċernat ikollux "produzzjoni żejda" jew "defiċit ta' produzzjoni". Huwa jfakkar, f'dan ir-rigward, li r-Regolament Nru 1788/2003, billi jżomm il-kwoti tal-ħalib fil-livell Komunitarju, ma jaqsamx is-suq bil-mod mixtieq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, u dan minħabba li l-Artikolu 34 KE jipprevedi organizzazzjoni Ewropea tas-suq. Għalhekk, ikun żball li jintalab li tiddaħħal skema speċjali għal Stat Membru b' defiċit ta' produzzjoni bħar-Repubblika Taljana.
- 25 Il-Kunsill jenfasizza li l-iskema ta' kwoti tal-ħalib fis-seħħ mhijiex inkompatibbli mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni. Il-leġiżlatur Komunitarju għandu, fil-kuntest tal-Artikolu 33 KE, jiżgura l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu possibbli tal-fatturi tal-produzzjoni, kif ukoll jistabbilizza s-swieq. Għall-finijiet ta' dan l-għan tal-aħħar, il-Kunsill adotta t-taxxa fuq il-kwantitajiet tal-ħalib ikkummerċjalizzati. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-istituzzjonijiet jistgħu, fid-dawl tal-fatti jew taċ-ċirkustanzi ekonomiċi, jagħtu prijorità temporanja lil wieħed minn dawn l-għanijiet.

26 Għalhekk, il-Kunsill jikkunsidra li t-taxxa dovuta skont ir-Regolament Nru 1788/2003 ma tiksirx l-Artikoli 33 KE u 34 KE u li hija applikabbli jkun liema jkun l-Istat Membru li fih il-produttur ikkonċernat ikun stabbilit.

27 Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej issostni li l-konstatazzjoni konkreta tal-bilanċ bejn id-domanda u l-provvista tal-ħalib fi Stat Membru partikolari, sabiex jiġi ddefinit jekk dan l-Istat Membru għandux defiċit ta' produzzjoni jew le, mhijiex rilevanti sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni. Hija tippreċiża li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ċaħdet l-argumenti bbażati fuq id-defiċit ta' produzzjoni bħala element determinanti fl-ewalwazzjoni tal-kisba tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni u li dan ir-raġunament huwa applikabbli b'analoġija għal kawża bħal dik fil-kawża prinċipali.

28 Skont il-Kummissjoni, l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-ħalib hija konformi mal-għan li jiġi stabbilizzat is-suq. Rigward l-għanijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 33 KE, jiġifieri ż-żieda fil-produttività tal-agrikultura u l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola kif ukoll l-aħjar użu possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni żżid li, wara l-introduzzjoni tal-iskema tal-kwoti u tat-taxxa, ġie osservat fl-Italja:

— tnaqqis fin-numru ta' impriżi produttriċi, minn 182 000 fl-1988/1989 għal 49 000 fl-2006/2007;

— żieda fid-dħul għal kull baqra tal-ħalib minn 3 900 għal 6 000 litru fis-sena, u

— qbiż kostanti tal-prezz medju tal-ħalib.

- 29 Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li minn eżami tal-ewwel domanda ma jirriżulta ebda element li jista' jaffettwa l-validità tar-Regolament Nru 1788/2003 minħabba motivi ta' inkompatibbiltà mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni previsti fl-Artikolu 33 KE.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

— Fuq id-defiċit ta' produzzjoni ta' Stat Membru bħala wieħed mill-elementi rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali.

- 30 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali essenzjalment isostnu li s-sistema ta' determinazzjoni tal-“kwantità ta' referenza nazzjonali” fis-sens tar-Regolament Nru 1788/2003 għandha tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li r-Repubblika Taljana għandha defiċit ta' produzzjoni. Issa, ir-Repubblika Taljana għandha kwantità ta' referenza li tikkorrispondi għal madwar nofs il-ħiġijiet nazzjonali tagħha, filwaqt li, għall-bqija, hija obbligata timporta l-ħalib mill-Istati Membri l-oħra.
- 31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-fatt li Stat Membru jkollu defiċit ta' produzzjoni ma jikkostitwixxix wieħed mill-elementi rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 1988, Spanja vs Il-Kunsill, C-203/86, Ġabra p. 4563, punt 29).
- 32 Għalkemm huwa veru li l-kwistjoni f'dik is-sentenza kienet dwar tnaqqis tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, għandu madankollu jiġi enfasizzat li l-istess raġunament għandu jiġi applikat ukoll għaż-żidiet tal-imsemmija kwantità. Fil-fatt, l-“għan ewlieni” tar-Regolament Nru 1788/2003 fis-sens tal-premessa 3 tiegħu huwa li jiġi rrimedjat l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda għall-prodotti mill-ħalib fir-rigward kemm tat-tnaqqis kif ukoll taż-żidiet tal-kwantità ta' referenza.

- 33 Barra minn hekk, sabiex jinkiseb l-imsemmi għan, huwa meħtieġ sforz ta' solidarjeta ugwali min-naħa tal-produtturi kollha tal-Komunità (ara s-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1985, Bozzetti, 179/84, Ġabra p. 2301, punt 32, u Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29). Fil-fatt, il-mekkaniżmu tas-suq agrikolu komuni jippreżumi li l-Istati Membri li d-domanda nazzjonali għall-ħalib tagħhom teċċedi l-provvista tagħhom jistgħu jimportaw il-ħalib, fuq kollox mill-Istati Membri fejn id-domanda għall-ħalib hija inqas mill-provvista. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew fis-seduta li l-kwantità ta' referenza globali tal-Komunità ma nqabzix, b'tali mod li minn dan jista' jiġi konkluż li huma mhumiex isostnu li d-domanda globali għall-ħalib fil-Komunità taqbeż il-provvista tal-ħalib.
- 34 Minn dan jirriżulta li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-Istat Membru kkonċernat għandu defiċit ta' produzzjoni mhuwiex rilevanti fir-rigward tad-determinazzjoni tal-"kwantità ta' referenza nazzjonali" fis-sens tar-Regolament Nru 1788/2003 u li l-argumenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnuti f'dan ir-rigward għandhom jiġu mwarrba.
- 35 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu wkoll li t-teħid inkunsiderazzjoni tas-sena 1983 bħala sena ta' referenza huwa żbaljat peress li din ir-referenza ma ġietx stabbilita skont il-kriterju tad-defiċit ta' produzzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.
- 36 Għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li mill-punt 34 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-imsemmi kriterju ma għandu ebda rilevanza għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali. Dan ir-raġunament jgħodd iktar u iktar fir-rigward tar-rilevanza tal-imsemmi kriterju meta ġiet stabbilita l-iskema tal-kwantitajiet ta' referenza mir-Regolament (KEE) Nru 856/84.
- 37 Fit-tieni lok, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, meta l-implementazzjoni mill-Kunsill ta' politika komuni timplika n-neċessità li tiġi evalwata sitwazzjoni ekonomika kumplessa, is-setgħa diskrezzjonali tiegħu ma tapplikax esklużivament għan-natura u għall-portata

tad-dispożizzjonijiet li għandhom jittieħdu iżda wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tal-informazzjoni bażika fis-sens, b'mod partikolari, li huwa jista' jibbaża ruħu, jekk ikun il-każ, fuq konstatazzjonijiet globali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, SAM Schiffahrt u Stapf, C-248/95 u C-249/95, Ġabra p. I-4475, punt 25).

38 Fit-tielet u fl-aħħar lok, għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 9 tar-Regolament Nru 856/84 jirriżulta li d-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali għar-Repubblika Taljana hija bbażata fuq kriterji li huma partikolarment favorevoli. Fil-fatt, is-sena 1983 intgħażlet bħala s-sena ta' referenza peress li fl-1981 il-ġbir tal-produzzjoni tal-ħalib f'dan l-Istat kien l-iktar baxx fl-aħħar għaxar snin, il-qligħ medju għal kull baqra kien inqas mill-livell medju Komunitarju u ż-żieda apparenti ta' kunsinni bejn is-snin 1981 u 1983 kienet tikkorrispondi, b'mod sostanzjali, għal żvilupp strutturali li kien jikkonsisti fi tnaqqis ta' kunsinni diretti kkumpensati minn żieda ta' kunsinni lill-industrija tal-ħalib.

39 Għalhekk, l-imsemmija argumenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali dwar l-għażla tas-sena 1983 bħala dik ta' referenza għandhom jiġu mwarrba.

40 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jinvokaw madankollu li, skont is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kunsill (C-340/98, Ġabra p. I-2663), il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ikollu defiċit ta' produzzjoni għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-politika komuni tal-ħalib bl-istess mod bħal fil-kuntest ta' dik taz-zokkor.

41 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-imsemmi kriterju jissema espressament fil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-iskema taz-zokkor li kienet inkwistjoni fl-imsemmija kawża. Għall-kuntrarju, li kieku l-leġiżlatur Komunitarju

ried jipprevedi l-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ikollu defiċit ta' produzzjoni bħala wieħed mill-kriterji rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-“kwantità ta' referenza nazzjonali” fis-sens tar-Regolament Nru 1788/2003, huwa seta' faċilment jagħmel dan permezz ta' tali riferiment fl-imsemmi regolament. Issa, dan mhuwiex il-każ, u b'hekk l-imsemmija argumenti għandhom jiġu mwarrba.

42 Għandhom jiġu miċħuda wkoll l-argumenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fis-sens li dawn tal-aħħar huma obbligati jikkofinanzjaw l-eċċess li huma mhuwiex responsabbli għalih. Fil-fatt, skont il-premessa 5 u l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1788/2003, il-produtturi kollha li jikkontribwixxu għall-produzzjoni żejda għandhom ikunu responsabbli lejn l-Istat Membru għall-ħlas tal-kontribuzzjoni tagħhom tat-taxxa dovuta minħabba s-sempliċi fatt li jkun qabżu l-kwantità disponibbli tagħhom, b'tali mod li ma jistax jiġi ddeterminat b'mod iktar preċiż liema huma l-produtturi jew l-Istati Membri li huma responsabbli għal eventwali produzzjoni żejda tal-ħalib.

43 Minn dan kollu li ntqal jirriżulta li l-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ikollu defiċit ta' produzzjoni ma jistax jitqies bħala wieħed mill-kriterji rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-“kwantità ta' referenza nazzjonali” fis-sens tar-Regolament Nru 1788/2003.

— Fuq il-konformità tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-għanijiet previsti fl-Artikolu 33(1) KE

44 L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li l-leġiżlatur Komunitarju għandu, fil-qasam tal-politika agrikola komuni, setgħa diskrezzjonali wiesgħa, li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi li jagħtuh l-Artikoli 34 KE sa 37 KE (sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, *Viamex Agrar Handel u ZVK*, C-37/06 u 58/06, *Ġabra p. I-69, punt 34*).

45 Rigward b'mod iktar partikolari l-għanijiet tal-politika agrikola komuni previsti fl-Artikolu 33 KE, l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom jiżguraw il-konċiljazzjoni permanenti li tista' tkun meħtieġa minn kontradizzjonijiet eventwali bejn dawn l-għanijiet meta dawn jiġu kkunsidrati separatament u, jekk ikun il-każ, jistgħu jagħtu lil wieħed minnhom prijorità temporanja meta dan ikun meħtieġ mill-fatti jew ċirkustanzi ekonomiċi li fid-dawl tagħhom huma jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom (ara b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 1992, Hierl, C-311/90, Ġabra p. I-2061, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 33(1) KE, il-politika agrikola komuni għandha bħala għan:

“[...]

- a) li tkabbar il-produzzjoni agrikola billi tippromwovi progress tekniku u billi tassigura l-iżvilupp razzjonali ta' produzzjoni agrikola u l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, speċjalment tan-nies tax-xogħol,
- b) li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura,
- c) li tagħmel is-swieq stabbli,
- d) li tiggarantixxi d-disponibilità tal-provvisti,

e) li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.”

47 Issa, għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 1788/2003 jaqa' fil-kuntest tal-għan li jiġu stabbilizzati s-swieq, għan imsemmi espressament fl-Artikolu 33(1)(c) KE (ara, b'analoġija, is-sentenza Hierl, iċċitata iktar 'il fuq, punt 10).

48 Minn naħa, u kif jirriżulta mill-punt 4 ta' din is-sentenza, l-imsemmi regolament estenda l-iskema tat-taxxa fuq il-kwantitajiet tal-ħalib konsenjati li jaqbz u kwantità ta' referenza ddefinita għal kull Stat Membru.

49 Min-naħa l-oħra, skont il-premessa 3 tar-Regolament Nru 1788/2003, l-għan ewlieni tal-iskema huwa li jitnaqqas l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib u li jitnaqqsu l-eċċessi strutturali li jirriżultaw minn dan l-iżbilanċ, sabiex b'hekk jintlaħaq bilanċ aħjar fis-suq. Barra minn hekk, skont il-premessa 22 ta' dan ir-regolament, it-taxxa prevista minnu hija ddestinata sabiex jiġu stabbilizzati s-swieq agrikoli.

50 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-kisba tal-imsemmi għan hija limitata fiż-żmien u tapplika, kif jirriżulta mill-punt 4 ta' din is-sentenza, sal-31 ta' Marzu 2015.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minn dan isegwi li, meta ta-priorità temporanja lill-għan "li tagħmel is-swieq stabbli" fis-sens tal-Artikolu 33(1) KE, il-Kunsill ma qabiżx, bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 1788/2003, is-"setgħa diskrezzjonali" tiegħu fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 45 ta' din is-sentenza.

- 52 Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-istabbilizzazzjoni tas-swieq mhijiex l-uniku għan tar-Regolament Nru 1788/2003. Fil-fatt, għandu jiġi rrelevant li mill-kunċett ta' "għan ewlieni", li tirreferi għalih il-premessa 3 tal-imsemmi regolament, jirriżulta impliċitament li dan ma għandux għan wieħed.
- 53 Rigward b'mod iktar partikolari l-għanijiet enfasizzati mill-qorti tar-rinviju kif ukoll mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-iskema ta' taxxa hija intiża sabiex terġa' tistabbilixxi l-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-ħalib, suq ikkaratterizzat minn eċċessi strutturali, permezz ta' limitazzjoni tal-produzzjoni tal-ħalib u għalhekk taqa' fil-kuntest tal-għan ta' żvilupp razzjonali tal-produzzjoni tal-ħalib kif ukoll, peress li tikkontribwixxi għal stabbilizzazzjoni tal-qligħ tal-popolazzjoni agrikola kkonċernata, fil-kuntest tal-għan li jinżamm livell ġust ta' għajxien għal din il-popolazzjoni (sentenza tal-25 ta' Marzu 2004, Azienda Agricola Ettore Ribaldi *et*, C-480/00 sa C-482/00, C-484/00, C-489/00 sa C-491/00, u C-497/00 sa C-499/00, Ġabra p. I-2943, punt 57 u l-ġurisprudenza ċitata).
- 54 Barra minn hekk, kif tenfasizza l-Kummissjoni, wara l-introduzzjoni tal-iskema tat-taxxa, ġew osservati fl-Italja, b'mod partikolari, żieda kbira fid-dħul għal kull baqra tal-ħalib fis-sena kif ukoll qbiż kostanti tal-prezz medju tal-ħalib.
- 55 Għandu jingħad ukoll li, kif sostnew il-Kummissjoni u l-Kunsill, għall-perijodu mill-1984/1985 sal-2006/2007, is-somma tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali għall-għaxar Stati Membri naqset b'total ta' 2 %, filwaqt li l-kwantità ta' referenza għar-Repubblika Taljana żdiedet b'6 % u ġiet iffissata fl-Anness I tar-Regolament Nru 1788/2003 bħala 10 530 060 tonna.
- 56 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1(3) tal-imsemmi regolament, hija prevista l-possibbiltà ta' reviżjonijiet tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-regolament skont is-sitwazzjoni ġenerali tas-suq u l-kundizzjonijiet speċifiċi

li jkun hemm f'ċerti Stati Membri, b'tali mod li, skont l-aħħar emenda li saret bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 248/2008, tas-17 ta' Marzu 2008, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib (ĠU L 76 p. 6), il-kwantità ta' referenza żdiedet favur l-Istati Membri kollha u ġiet iffissata, għar-Repubblika Taljana, bħala 10740661.2 tonnet. Għalhekk, mhuwiex eskluż li ż-żieda tal-imsemmija kwantità ta' referenza wasslet ukoll, skont l-Artikolu 6(5) tar-Regolament Nru 1788/2003, għal żieda, fl-imsemmi Stat, tal-kwantitajiet ta' referenza individwali.

57 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-fatt li r-Regolament Nru 1788/2003 ma jhux inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat jkollu defiċit ta' produzzjoni ma jistax jaffettwa l-konformità ta' dan ir-regolament mal-għanijiet previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 33(1)(a) u (b) KE.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

58 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimken, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 jiksirx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sa fejn ma jhux inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ikollu defiċit ta' produzzjoni.

L-argumenti tal-partijiet

- 59 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali essenzjalment isostnu li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jkopri wkoll il-projbizzjoni li sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod. Fil-kawża prinċipali, ir-Regolament Nru 1788/2003 jittratta b'mod ugwali sitwazzjonijiet li ma kinux ugwali u li lanqas ma huma ugwali llum 'il ġurnata peress li l-fatt li l-produzzjoni Taljana għandha defiċit sostanzjali ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni, b'tali mod li dan ir-regolament jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
- 60 Huma jsostnu wkoll li l-imsemmi nuqqas ta' trattament ugwali ma jistax ikun ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi. Minn naħa, ir-referenza għas-solidarjetà bejn il-bdiewa ma tistax tkun raġuni oġġettiva li tiġġustifika t-trattament ugwali ta' sitwazzjonijiet differenti. Min-naħa l-oħra, ma jistax ikun korrett li jiġi ddikjarat li l-produtturi Ewropej kollha għandhom jipparteċipaw b'mod ugwali fl-isforz li jiġi stabbilizzat is-suq peress li l-produtturi li ma għandhomx produzzjoni żejda ser jintalbu jagħmlu tajjeb għal spejjeż li, in parti, mhumiex responsabbli għalihom.
- 61 Il-Kunsill isostni li l-osservazzjonijiet tiegħu għall-ewwel domanda jgħoddu wkoll għat-tieni u t-tielet domandi.
- 62 Il-Kummissjoni essenzjalment issostni li, f'suq komuni, l-obbligu li jiġi importat il-ħalib ma jistax, fiha innifsu, ikun l-espressjoni ta' trattament differenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kriterju ta' determinazzjoni tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali, l-istess bħat-tnaqqis ta' dawn tal-aħħar, ma jistax joħloq diskriminazzjoni għad-detriment ta' Stat Membru minħabba li dan ikollu defiċit ta' produzzjoni.

- 63 Barra minn hekk, ir-Repubblika Taljana kienet fl-aħħar mill-aħħar ibbenefikat minn trattament favorevoli min-naħa tal-Komunità f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-kwantitajiet ta' referenza, sabiex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni speċifika tagħha.
- 64 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-iskema ta' determinazzjoni tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali prevista mir-Regolament Nru 1788/2003 hija konformi mal-prinċipju ta' speċjalizzazzjoni reġjonali li jirrikjedi li l-produzzjoni tista' ssir fil-post l-iktar adegwat mil-lat ekonomiku. Dan il-prinċipju jipprekludi li l-fatt li l-produzzjoni ta' oġġett speċifiku jkollha defiċit meta mqabbla mal-konsum tiegħu fi Stat Membru jista' jkun rilevanti fid-dawl tal-esklużjoni ta' kull "diskriminazzjoni" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE.
- 65 Għalhekk, skont il-Kummissjoni, ir-Regolament Nru 1788/2003 ma jistax ikun invalidu fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 66 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali essenzjalment isostnu li, minħabba l-fatt li l-produzzjoni tal-ħalib Taljana għandha defiċit, is-sitwazzjoni tagħhom hija differenti minn dik tal-produtturi l-oħra tal-ħalib, b'mod partikolari minn ta' dawk tal-Istati Membri li għandhom produzzjoni żejda. Dan it-trattament differenti jikkawża b'mod partikolari preġudizzju lill-produtturi ż-żgħar.
- 67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi jew konsumaturi tal-Komunità. Skont ġurisprudenza stabbilita,

il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragonabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali sakemm tali trattamenti ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Polonja vs Il-Kunsill, C-273/04, Ġabra p. I-8925, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Minħabba f'hekk, rigward l-imsemmi argument, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li mill-punti 30 sa 43 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-fatt li Stat Membru jkollu defiċit ta' produzzjoni ma għandu ebda rilevanza għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, b'tali mod li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux isostnu li, għall-imsemmi motiv invokat, huma qegħdin f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-produtturi tal-ħalib ta' Stati Membri oħra.

69 Issa, anki jekk jitqies li r-Regolament Nru 1788/2003, li japplika mingħajr ebda distinzjoni għal dawk kollha li għandhom kwantitajiet ta' referenza, jolqot fil-fatt il-produtturi ż-żgħar iktar mill-produtturi l-kbar, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li miżura meħuda fil-kuntest ta' organizzazzjoni komuni tas-suq jista' jkollha konsegwenzi differenti għal ċerti produtturi, skont in-natura partikolari tal-produtturi tagħhom, ma jstax jikkostitwixxi diskriminazzjoni sakemm din il-miżura tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, adattati għall-ħtiġijiet tat-tħaddim globali tal-organizzazzjoni komuni tas-suq. Dan huwa l-każ tal-iskema tal-kwoti tal-ħalib u tat-taxxa, li hija amministrata b'tali mod li l-kwantitajiet ta' referenza individwali huma stabbiliti f'livell hekk li t-total tagħhom ma jaqbiż il-kwantità globali ggarantita ta' kull Stat Membru (ara, b'analoġija, is-sentenza Hierl, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Minn dan isegwi li, fin-nuqqas tal-eżistenza ta' sitwazzjoni differenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni u t-tielet domandi hija li mill-eżami tar-Regolament Nru 1788/2003 fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma jirriżulta ebda element ta' natura tali li jaffettwa l-validità ta' dan ir-regolament.

Fuq ir-raba' domanda

- 71 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 jiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn l-applikazzjoni uniformi tat-taxxa tmur lil hinn mill-għan ta' organizzazzjoni komuni tas-suq u timponi produttività mnaqqsa u dħul medjokri għall-medja tal-bdiewa Taljani.

L-argumenti tal-partijiet

- 72 Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, is-sistema tal-kwoti tal-ħalib fl-Italja toħloq danni gravi ħafna b'mod partikolari għall-produtturi ż-żgħar peress li timpedixxi l-iżvilupp ta' dawn tal-aħħar. Fil-fatt, dawn il-produtturi ż-żgħar jistgħu jibqgħu preżenti fis-suq biss jekk ikun hemm adattament strutturali tal-impriżi, adattament li jippreżumi żieda fil-produzzjoni, żieda li, għall-kuntrarju, hija pprojbita minħabba l-iskema tal-kwoti.
- 73 Barra minn hekk, din l-iskema b'ebda mod ma hija adegwata sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika agrikola. L-uniku għan li ssegwi, għad-detriment tal-għanijiet l-oħra, huwa dak li jiġu stabbilizzati s-swieq. Għalhekk, is-sistema tal-kwoti tikser il-prinċipji Komunitarji tan-natura raġonevoli u tal-proporzjonalità
- 74 Il-Kunsill isostni li l-leġislatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażliet leġislattivi neċessarji sabiex tiġi implementata l-politika agrikola komuni. Barra minn hekk, hija biss in-natura manifestament

inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-qasam meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti għandha l-intenzjoni li tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' din il-miżura, li mhuwiex il-każ fir-rigward tar-Regolament Nru 1788/2003.

- 75 Il-Kummissjoni tallega li d-deċiżjoni tar-rinviju ma għandhiex elementi tali li jippruvaw in-natura manifestament inadegwata tar-Regolament 1788/2003. Skontha, l-iskema tal-kwoti u tat-taxxa, minn naħa, stabbilizzat is-suq u rriżultat effikaċi sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema tal-produzzjoni żejda u, min-naħa l-oħra, hija kompatibbli ma' għanijiet oħra tal-politika agrikola komuni.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 76 Peress li r-Regolament Nru 1788/2003 jagħmel parti integrali mill-politika agrikola komuni, għandu jiġi mfakkar li, f'dan is-suġġett, il-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali u li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' din is-setgħa huwa limitat għal stħarriġ tan-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-qasam meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti jkollha l-intenzjoni li tilħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2006, Emsland-Stärke, C-94/05, Ġabra p. I-2619, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2009, Franza vs Il-Kunsill, C-479/07, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 77 Mill-punti 47 sa 49 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-ħalib tikkostitwixxi l-għan ewlieni tar-Regolament Nru 1788/2003, li jaqa' taħt l-għan li jiġu stabbilizzati s-swieq imsemmi espressament fl-Artikolu 33(1)(c) KE. Barra minn hekk, skont il-punti 4 u 50 ta' din is-sentenza, il-kisba tal-imsemmi għan hija limitata fiż-żmien.

- 78 B'mod iktar partikolari, mill-punt 49 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1788/2003 kienet neċċessarja sabiex jitnaqqas l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib kif ukoll sabiex jitnaqqasu l-eċċessi strutturali li jirriżultaw minn dan l-iżbilanċ bil-għan li jintlaħaq bilanċ aħjar tas-suq.
- 79 Barra minn hekk, kif tosserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 9 u 67 tal-konklużjonijiet tagħha, il-leġiżlatur Komunitarju ppreveda bħala alternattiva għall-iskema tat-taxxa t-tnaqqis tal-prezz ta' sostenn, li kien ikollu konsegwenzi iktar sfavorevoli fuq id-dħul tal-produtturi tal-ħalib mill-introduzzjoni tal-iskema tat-taxxa.
- 80 Barra minn hekk, fil-punti 30 sa 43 ta' din is-sentenza ġie rrilevat li l-fatt li l-Istat Membru kkonċernat ikollu defiċit ta' produzzjoni mhuwiex rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali.
- 81 Issa, skont il-punt 57 ta' din is-sentenza, ir-Regolament Nru 1788/2003 huwa konformi wkoll mal-għanijiet previsti fl-Artikolu 33(1)(a) u (b) KE.
- 82 Għalhekk ir-Regolament Nru 1788/2003 mhuwiex manifestament inadegwat sabiex jintlaħaq l-għan li jiġu stabbilizzati s-swieq.

83 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, għandu jiġi konkluż li mill-eżami tar-Regolament Nru 1788/2003 fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità ma jirriżulta ebda element ta' natura tali li jaffettwa l-validità ta' dan ir-regolament.

Fuq l-ispejjeż

84 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Il-fatt li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jstabbilixxi taxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, ma jiħux inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat jkollu defiċit ta' produzzjoni ma jistax jaffettwa l-konformità ta' dan ir-regolament mal-għanijiet previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 33(1)(a) u (b) KE.**
- 2) **Mill-eżami tar-Regolament Nru 1788/2003 fid-dawl tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni ma jirriżulta ebda element ta' natura tali li jaffettwa l-validità ta' dan ir-regolament.**

- 3) **Mill-eżami tar-Regolament Nru 1788/2003 fid-dawl tal-prinċipju ta' prozjonalità ma jirriżulta ebda element ta' natura tali li jaffettwa l-validità ta' dan ir-regolament.**

Firem